



24.10.2012

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0316/2012, imressqa minn Filomena Vacca, ta' ċittadinanza Taljana, dwar rati tal-imgħax imposti mill-Aġenzija tad-Dħul Taljana u mill-Kumpanija Equitalia fil-konfront ta' ċittadini li jinsabu f'pożizzjoni irregolari mal-awtorità tat-taxxa

1. Résumé de la pétition

Il-petizzjonanta kienet is-sid ta' impriża li falliet fl-2009. F'dan ir-rigward l-awtorità tat-taxxa Taljana ħarġet sanzjonijiet kontriha minħabba n-nuqqas jew id-dewmien fil-ħlas tat-taxxa IRPEF.

Skont hi l-awtoritajiet ta' kreditu Taljani japplikaw rati tal-imgħax għoljin wisq mingħajr ma jqisu l-kondizzjonijiet possibbli ta' bżonn u faqar tad-debitur.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-2 ta' Lulju 2012. Il-Kummissjoni ntabet tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Tweġiba tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ottubru 2012

Wara l-falliment tal-kumpanija tagħha, il-petizzjonanta kellha tħallas arretrati ta' taxxa fuq id-dħul tal-persuni fiżiċi (IRPEF) kif ukoll penalitajiet għall-omissjoni jew dewmien ta' pagament tat-taxxi. Fuq dawn is-somom, l-awtorità fiskali Taljana - u b'mod partikolari l-korp inkarigat mill-ġbir tat-taxxi (Equitalia) – applikat rati ta' imgħax li l-petizzjonanta tikkunsidra eċċessivi u li ma jqisux is-sitwazzjoni personali u finanzjarja tagħha.

Il-petizzjonanta tikkundanna s-sitwazzjoni ta' frustrazzjoni li għaliha qed jiġu konfrontati ċ-ċittadini mfittxija mill-amministrazzjoni fiskali. hija tqis li, meta jkun hemm - bħal fil-każ

tagħha (EUR1,500 salarju diġà mgħobbi b'djun, 2 itfal mingħajr impjeg li hija responsabbli għalihom hi) - sitwazzjoni ta' bżonn u mhux ta' evażjoni fiskali, il-proċeduri li l-kontribwenti/id-debituri huma suġġetti għalihom jippreġudikaw id-dinjità tal-bniedem.

L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni

Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fiskalità diretta tidħol fil-kompetenza tal-Istati Membri, li, minkejja dan, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom għandhom jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. B'hekk, fl-istat attwali tal-iżvilupp tad-dritt Ewropew, huma l-awtoritajiet nazzjonali li għandhom jistabbilixxu l-proċeduri ta' rkupru tat-taxxi, inklużi ir-rati ta' imgħax morużi u l-penalitajiet applikabbli fit-territorju tagħhom fil-każ ta' ksur tal-obbligi fiskali. Abbażi tal-informazzjoni għad-disposizzjoni, ma jidherx li l-Italja applikat modalitajiet ta' rkupru aktar iebes jew diskriminatorji fir-rigward ta' kontribwenti mhux residenti.

Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li s-sitwazzjoni tal-petizzjonanta tidħol fl-ambitu tad-dritt nazzjonali biss. Fid-dawl ta' dan, il-kwistjoni tal-piż eċċessiv tal-imgħax u l-penalitajiet fil-każ ta' ksur tal-obbligi fiskali ma taqax fil-kompetenza tal-Kummissjoni